# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 7-13

**Data: 20ta' Gunju** 2013

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru 6.13 kif ukoll gew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas. Il-Kunsilliera Maria Sultana gibdet l-attenzjoni li hija qajmet argument fis-seduta 6.13 pero dan ma tnizzilx fil-minuti. Is-Sindku qalet li l-argument li qajjmet is-Sinjura Maria Sultana ma setax jitnizzel fil-minuti minhabba li dan intqal wara li s-Seduta giet mghaluqa. Is-Segretarja qalet li sabiex il-Kunsill ikun konformi, ghandha tintalab verifika mill-ligi jew mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Ghalhekk l-approvazzjoni ta' dawn il-minuti ghandha tigi sospiza ghal meta l-Kunsill ikollu l-verifika bil-miktub mid-Dipartiment.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti.**

4. 1.b Is-Sigar ta' Triq il-Missjoni Taljana -Ghandhom jinzabru fiz-zmien li gej.
4.1 c L-arblu ta' Triq Melchiorre de Robles ghadu fi stat dizastruz.
4.1 d Dwar il-plot fi Triq Straubenzee – Sar kuntatt mal-Lands fejn il-Kunsill gie mgharraf bl-ismijiet tas-sidien. Dan id-dokument ghadda ghand il-pulizija sabiex jigu kkuntattjati minnhom, peress li fid-dokument m'hemmx id-dettalji necessarji.

4.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li ma ghaddietx il-korrispondenza taghha minhabba l-

argument li nqala.

4.3e Dwar il-bozza l-gdida ta’ Triq il-Missjoni Taljana – Is-Sindku qalet li din ghandha ssir fi zmien qasir.

4.3f Dwar il-proposta biex tigi impjegata persuna ohra mal-istaff tal-Kunsill, is-Sindku qalet li gie nfurmat id-dipartiment dwar din it-talba.

4.3g Dwar il-festun tax-Xatt, is-Sindku qalet li ser jigi rrangat.

4.5 c Sinjali ta’ parkegg fi Triq l-Ghassieli – Il-Kunsill iddecieda li ghandha tithassar ir-reserved parking u jekk hemm il-htiega li jinzammu il-lines is-sofor.

7.1 Dwar id-dumping fi Triq il-Genista, il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li ghandha tingibed l-attenzjoni lill-individwu, jekk dan jibqa ma jnaddafx, ghandha tintbghatlu ittra bhala avviz.

7.5 Is-Sindku qalet li ghandha tintalab laqgha mal-M.E.U.S.A.C. jew fis-17 jew 18 ta’ Lulju 2013 fil-5.00pm.

8.1 Dwar it-talba ghall-WIFI fi Pjazza Sagra Familja, is-Segretarja iccekkjat dwar l-ispiza, u l-MCA ikkonfermaw li din tiswa 900Ewro. Il-Kunsill qabel li jaghti ftit cans forsi id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali johrog xi skema li l-Kunsill ikun jista japplika ghaliha.

8.4 Ghall-attivita sportiva ghat-tfal nhar ta’ Sibt organizzata mill-Kunsillier Vince Bongailas, huwa qal li hemm mal-40 partecipant li rregistra.

9. Laqgha Pubblika
Il-Laqgha kellha tithassar u ghalhekk il-Kunsill ghandu jsib data ohra sabiex ir-residenti jkunu mgharrfa. Jigi pprezentat il-Pjan ta’ Hidma fejn jigu diskussi l-progetti li l-Kunsill bi hsiebu jwettaq matul l-erba snin. Dawn il-progetti ghandhom jigu diskussi waqt seduta apposta qabel il-Laqgha Pubblika.

## 3. Komunikat mis-Sindku.

L-Attivita b’risq Puttinu Cares, is-Sindku qalet li mhux ser issir minhabba li ma ngabrux bizzejjed sponsors sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta’ din l-attivita.

Il-Bankina ta quddiem iz-zuntier tal-Knisja qed titranga u ghandha titlesta dalwaqt.

Ser jithawwlu l-fjuri fir-Roundabouts u Centre Strips kif ukoll fid-dahla tal-Kalkara.

Fuq proposta tal-Kunsilliera Maria Sultana sekondata mis-Sindku Speranza Chircop, il-Kunsill iddecieda li jitnehhew il-pots ta’ mal-hadid tax-Xatt minhabba li dawn minkejja li qed jithawwlu l-fjuri fihom, il-pubbliku m’huwiex jikkopera u qed jivvandalizza u juza dawn il-pots minflok bins.

Is-Sindku qalet li id-Dipartiment tal-Kura Primarja ser jibda jaghti s-servizz ta' Padologista kull l-ewwel Tnejn tax-xhar.

Is-Sindku qalet li l-isqaqien Nru 1, 2 u 3 (Sqaq l-Ixprunara) ghad fadal li jsiru ir-railings u l-pots sabiex jitkompla. Dwar il-poggaman tal-Isqaq l-Ixprunara, l-individwu oggezzjona li m'ghandux jehel mal-hajt tieghu. L-ghazla ideali tkun li dan il-poggaman jitwahhal fin-nofs.

Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra lir-residenti ta' dan l-isqaq sabiex issir konsultazzjoni maghhom, jekk jista jkun issir fl-istess gurnata meta ssir il-laqgha mal-M.E.U.S.A.C.

## 4. Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Giet approvata il-lista ta' Pagamenti bir-referenza 07.13

## 5. Korrispondenza

a. Tressqet talba mis-Sur Marco Cauchi sabiex titranga l-bankina ta' fejn il-Gnien tas-Salvatur, il-Kunsill qabel li din issir meta jkun ghaddej ix-xogholijiet tal-bankini.

b. Is-Sindku ghamlet laqgha mal-Grupp Breaking Limits fuq talba taghhom. Huma qeghdin jipproponu li ssir bandla ghall-persuni b'dizabilita. L-ispiza ghal din il-bandla se tkun ta' 300 ewro f'kaz li l-Kunsill jiddeciedi li jaghmilha. Il-Kunsill ikkunsidra din il-proposta pero qabel din tigi approvata hemm bzonn ta' aktar informazzjoni dwar il-qisien taghha u x'access hemm bzonn ghaliha, sabiex jigi deciz il-post fejn din ghandha ssir. Ghalhekk il-Kunsill qabel li din tigi diskussa fis-seduta li jmiss.

**c.** Dahlet talba mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp sabiex tinghata in-No Objection ghall-hruq tan-nar tal-art mix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oggezzjoni diment li jigu osservati il-ligijiet u r-regolamenti tal-Pulizija u entitajiet ohra kkoncernati.

## 6. Attivitajiet ghas-Sajf

Il-Vici Sindku Christopher Bruno flimkien mal-Kunsilliera Maria Sultana ser jorganizzaw Attivita' b'risq Puttinu Cares nhar il-Gimgha 23 t'Awwissu. Ghal din l-attivita ser jigu kantanti stabbiliti u kantanti ohra, u tinvolvi artisti ohra ta' talent. Huma ghamluha cara li din mhix se tinvolvi spejjez lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Vince Bongailas ser jorganizza attivita ta' tberik tal-annimali u show ta' talent. Tibda mis-6.30 ta' filghaxija l-quddiem.

Is-Sindku qalet li minhabba impenji ohra telqet fis-7.30pm u halliet it-tmexxija tas-seduta f'idejn il-Vici Sindku fejn jigu diskussi il-punti mqajjma mill-Kunsillieri, f'kaz ta xi mistoqsijiet dawn jigu diskussi fis-seduta li jmiss. B'hekk l-item fl-Agenda Mistoqsijiet u Punti mqajjma mill-Kunsillieri thalla ghall-ahhar.

## 7. Mistoqsijiet u Punti mqajjma mill-Kunsillieri

7.1 Il-Vici Sindku Christopher Bruno ressaq dawn il-punti:

a. Ser iwaqqaf Kunsill ghaz-zghazagh minn 16 – il sena l'fuq.

b. Isiru sinjali ta' traffiku bhal zebgha mal-art, Stop Sign u mera fi Triq Patri Mattew Sultana, it-triq il-gdida li nbiet minn Transport Malta. Is-Segretarja qalet li diga intbghatet il-korrispondenza relatata lill-Transport Malta.

c. Issir Stop Sign jew mera fi Triq il-Kapuccini fejn in-nicca tal-Madonna.

d. Talba sabiex issir il-bankina ta' Triq Patri Mattew Sultana peress li nbdew binjiet bil-garaxxijiet godda u m'hemmx ir-rampi kif suppost.

e. Fi Triq Patri Mattew Sultana hemm bzonn li jinzebhu s-sinjali tal-parkegg mal-art minhabba li kulhadd qieghed jipparkja bl-addocc.

f. Proposta li ssir talba lill-ETC sabiex jibghatulna nies biex jikinsu t-toroq. Is-Segretarja qalet li ghal dan ix-xoghol diga hemm il-kuntratt tal-knis.

7.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana ressqet dawn il-punti.

a. Talbet li terga tintbghat reminder lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghad-devoluzzjoni tal-garaxxijiet ta' fejn il-Kunsill.

b. Jitnehhew il-pots tat-triq taghha, dawk li huma fi stat hazin jitnehhew.

c. Gibdet l-attenzjoni li nies qed jilmentaw maghha dwar telqa li hawn fil-lokal. Qieghdin jghidu li mhuwiex jinzamm fi stat tajjeb.

d. Il-Gnien tal-Iskola jrid jitnaddaf mil-haxix hazin. Is-segretarja qalet li dan diga sar mill-gardinar.

e. Jinzabru s-sigar tal-Pjazza Sagra Familja

f. Titranga l-mera mas-sur ta' Triq Santa Liberata, is-Segretarja qalet li din diga trangat.

g. Terga ssir id-directional sign mac-central strip ta' Triq Santa Liberata.

h. Tintbghat ittra lill-ghaqdiet tal-baned sabiex wara l-festa jghattu l-hofor tal-arbli

i. Isiru l-boroz fil-bins il-godda li hawn mal-lokal.

j. Hmieg li hemm fl-area ta' Smart City, gibdet l-attenzjoni sabiex tintbghat email jew ittra lill-persuni koncernati sabiex inaddfu fejn hemm bzonn fil-propjeta' taghhom.

k. Ittra mill-Kap tal-Iskola dwar id-devoluzzjoni tal-art ghac-Centru Civiku.

l. Jitranga is-safety railing li sar fil-kantuniera ta' Triq il-Luqqata – is-Segretarja qalet li kif qed jigi propost mill-Kunsilliera mhuwiex safe minhabba li t-tfal xorta jistghu iweggu mieghu.

m. Bankina fejn il-Kazin tal-Ghaqda Muzikali San Guzepp m'hijiex accessibbli.

7.3 <u>Il-Kunsillier Paul Bongailas ressaq dawn il-punti:</u>

a. Jinhatar ic-Cerimonjier.

b. Jergghu jinzebhu s-Sinjali tal-parkegg tax-Xatt.

c. Issir Stop Sign fi Triq is-Sibi.

d. Gibed l-attenzjoni sabiex is-sena d-diehla ic-cerimonja marbuta mal-mafkar tal-gwerra tigi organizzata ahjar.

e. Isiru s-sinjali s-sofor anke mal-faccata tat-tarag taz-zuntier.

f. Issir il-Parking Bay tal-mutur fi Triq San Mikiel, Is-Segretarja qalet li din ser issir fiz-zmien li gej.

g. Titranga t-tappiera ta' Triq San Mikiel.

h. Ser jibdew dalwaqt il-korsijiet tal-ECDL.

7.4 <u>Il-Kunsillier Vince Bongailas ressaq dawn il-punti</u>:

a. Isir xi tindif fl-area ta' Triq l-Isptar Navali u tittiehed ftit attenzjoni dwar il-hajt ta' Bighi li daqt jaqa.

b. Bzonn ta' aktar edukazzjoni dwar is-separazzjoni tal-iskart. Isiru Attivitajiet ghat-tfal fejn jigu mghallma x'ghandhom jaghmlu u b'hekk ikunu jistghu jghallmu lill-genituri taghhom dwar kif ghandhom jisseparaw.

**8. Aggornament**

Is-Seduta spiccat fit-9.30 ta' filghaxija u aggornata sine dia.

<table>
<tr><td>Speranza Chircop<br>Sindku</td><td>Sharon Galea Iriele<br>Seg Ezekuttiv</td></tr>
</table>